

Il-Ħamis, 10 ta' Ottubru 2013

P7_TA(2013)0416

L-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Frontieri (EUROSUR) *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Frontieri (EUROSUR) (COM(2011)0873 – C7-0506/2011 – 2011/0427(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2016/C 181/32)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0873),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0506/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mil-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jinxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Ġunju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċibili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0232/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Japprova l-istqarrija tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tirreferi l-kwistjoni għal darb'oħra lill-Parlament jekk hija għandha l-intenzjoni li temenda l-proposta tagħha sostanzjalment jew tissostitwiha b'test ieħor;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

P7_TC1-COD(2011)0427

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Ottubru 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Frontieri (Eurosur)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1052/2013.)

Il-Ħamis, 10 ta' Ottubru 2013

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jagħmlu ħilhom u jużaw terminoloġija xierqa u newtra fit-testi leġiżlattivi meta jindirizzaw il-kwestjoni ta' nazzjonali ta' pajiżi terzi li l-preżenza tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri ma tkunx għiet awtorizzata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew ma tkunx għadha awtorizzata. F'każżejjiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jevitaw li jużaw it-terminu "illegal" fejn ikun possibbli li jinstabu kliem oħra, u fi kwalunkwe każ, meta jirreferu għal persuni, għandha tintuża "migranti irregolari".

P7_TA(2013)0417

Batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f'għodda mingħajr fil (COM(2012)0136 – C7-0087/2012 – 2012/0066(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2016/C 181/33)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0136),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 192(1) u 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0087/2012),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-użu tal-atti delegati u fuq il-bażi legali proposta,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Ġunju 2013, li jaaprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunisdra l-Artikoli 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-İkel (A7-0131/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħi fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

⁽¹⁾ ĠU C 229, 31.7.2012, p. 140.